servizz pubbliku

# Charter ta' Servizz ta' Kwalità

Data meta magħmul: 14 ta' Ġunju 2024
Numru tal-Verżjoni: 1

Dipartiment responsabbli biex jaġġorna dan id-dokument: Kunsill tal-ELT

Kunsill tal-ELT
Bice Mizzi Vassallo Complex, Triq Alamein, Pembroke

elt council MALTA

# Werrej


1. Għan 3
2. Min Aħna U X'nagħmlu 3
3. Prinċipji Gwida 3
4. Klijenti tal-Kunsill tal-ELT 4
5. Impenn Tas-Servizz 4
6. Kif Tista' Tikkuntattjana 5
7. Aħna Qegħdin Għad-Dispożizzjoni Tiegħek 6
8. Feedback U Lmenti 6
9. Impenn Għal Titjib Kontinwu 7
10. Appendiċi 1 9

# 1. GĦAN

Is-servizzi li nipprovdu huma msejsa fuq Charter ta' Servizz ta' Kwalità li jinforma lill-klijenti tagħna dwar il-livell ta' servizz li għandhom jistennew li jirċievu. Dan jirrifletti l-impenn tagħna, kif ukoll dak tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, għall-għoti ta' Servizz ta' Eċċellenza billi jħaddan il-Mudell ta' Kwalità tal-4 Pilastri li fuqhom huwa msejjes is-Servizz Pubbliku:

Vuċi: Nisimgħu lill-klijenti u ma niddejqux nisimgħu l-kritika għas-servizz li noffru u l-ideat li jkollhom kif intejbu s-servizz għalihom. Naraw l-ideat li l-klijenti jwasslulna u nsaħħu l-iskema ta' ideat li jiġu minn fost l-impjegati;

Disinn: Niffurmaw politiki u proċessi li jilħqu l-livelli mixtieqa mill-klijenti;

Pakkett: Servizz f'waqtu, ta' livell u faċli li jilħaq u jintlaħaq;

Kontabilità: Il-qofol ta' servizz onest u li jagħti garanzija ta' onestà. Kontabilità tfisser ukoll lealtà lejn il-klijent li jagħmel użu mis-servizz li nagħtu li tissarraf u tkun manifestata f'dawn l-istess prinċipji bażiċi li rridu nħaddmu.

# 2. MIN AĦNA U X'NAGĦMLU

## Il-Missjoni tagħna

Il-missjoni tal-Kunsill tal-ELT għall-Iskejjel tal-ELT hija li jrawwem il-Professjoni u l-Industrija tal-ELT fl-aspetti diversi kollha tagħha.

# 3. PRINĊIPJI GWIDA

L-operat kollu tagħna jimxi fuq u huwa kommess għall-5 Kriterji ta' Servizz ta' Kwalità:

**Affidabilità:** Aħna impenjati li niżguraw li s-servizzi li nipprovdu huma konformi ma' dak imwiegħed. Aħna se nipprovdu informazzjoni preċiża u l-klijent jista' jitlob li tkun bil-miktub. Is-servizzi tagħna huma konsistenti u kommessi għall-ħtiġiet tal-klijenti.

**Empatija:** Aħna impenjati li nipprovdu servizzi li huma mfassla għall-bżonnijiet tal-klijenti tagħna u offruti b'attenzjoni individwali. Aħna se nistinkaw biex nikkomunikaw b'lingwa li hija ħielsa minn lingwaġġ tekniku, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal kulħadd.

**Assigurazzjoni:** L-istaff tagħna huwa infurmat u edukat. Aħna impenjati li nipprovdu servizz professjonali li l-klijenti jistgħu jafdaw.

**Reazzjoni:** Aħna nipprovdu s-servizzi tagħna fil-ħin u mingħajr dewmien bla bżonn. Aħna impenjati li nwieġbu għat-talbiet, problemi jew ilmenti tal-klijenti.

**Tanġibbli:** L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur fejn is-servizzi tagħna jistgħu jiġu mfittxija b'mod konvenjenti u sigur.

## 4. KLIJENTI TAL-KUNSILL TAL-ELT

Il-klijenti tagħna huma dawk il-partijiet li b'xi mod jew ieħor huma involuti fl-industrija u fil-professjoni tal-ELT f'Malta. Dawn jinkludu l-iskejjel tal-ELT, il-Kapijiet tal-iskejjel u d-Diretturi tal-istudji, l-edukaturi tal-ELT, il-ħaddiema tal-ELT u l- partijiet Ikkonċernati tal-Industrija.

## 5. IMPENN TAS-SERVIZZ

Aħna niżguraw li nonoraw b'mod assolut, kull żmien li jieħu s-servizz u li jkun fil-kontroll tagħna. Meta s-servizz mitlub ikun jiddependi fuq dipartimenti jew entitajiet oħra, aħna kommessi li nikkuntattjawhom aħna stess sabiex inti tkun tista' tirċievi tweġiba finali fil-ħin.

| | |
|---|---|
| Komunikazzjoni | Speċifika, dritt għall-punt u mingħajr termini tekniċi. Kull informazzjoni tkun mogħtija kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Korrispondenza li nirċevuha bil-Malti nweġbuha bil-Malti, filwaqt li kull korrispondenza oħra tkun imwieġba bl-Ingliż. |
| Binjiet | Aċċess sħiħ għan-nies ta' kull abilità u ċertifikazzjoni regolari tas-sigurtà tal-binjiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti. |
| Talba għal informazzjoni permezz tas-sit elettroniku/imejl/telefown/midja soċjali/posta tradizzjonali | Tweġiba finali fi żmien 3 ijiem tax-xogħol. |
| Talba għas-servizz | Għamel referenza għall-**Appendiċi 1** biex tara lista ta' servizzi. |
| Telefonati | Fil-jiem tax-xogħol, jitwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefown. |
| Rikonoxximent tal-komunikazzjoni | Fi żmien jum tax-xogħol minn meta tasal it-talba għall-informazzjoni jew applikazzjoni għal servizz. Din tista' ma tingħatax kemm-il darba s-servizz jew informazzjoni jingħataw fl-istess żmien. |
| Appuntamenti | Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun sa żmien 3 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.<br><br>Meta tattendi għall-appuntament mhu se jkollok l-ebda ħin ta' stennija. Se nirrispettaw il-ħin mogħti lilek.<br><br>Jekk tasal tard, nirriżervaw id-dritt li l-appuntament tiegħek jerġa' jiġi skedat għal ħin/data differenti. |
| Ħin fil-kju (fejn applikabbli) | Inti tkun milqugħ/a mal-wasla tiegħek u jiġi mistoqsi lilek dwar x'għandek bżonn biex tinqeda. Tittieħed imbagħad għand l-uffiċjal li se jaqdik. Il-ħin fil-kju jkun ta' madwar 10 sa 15-il minuta f'ċirkostanzi normali. |

| | |
|---|---|
| Informazzjoni online | L-informazzjoni fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni tagħna tinżamm aġġornata. Jekk għandek aċċess għall-internet, tista' ssib informazzjoni rilevanti fuq is-sit elettroniku tagħna:<br><br>Sit web:<br>https://eltcouncil.gov.mt/<br><br>Facebook:<br>https://www.facebook.com/eltcouncilpage/?ref=settings<br><br>Linkedin:<br>https://www.linkedin.com/in/elt-council-496ab31a5/<br><br>Instagram:<br>https://www.instagram.com/eltcouncil_malta/?hl=en |
| Metodi ta' pagament | Il-pagamenti jistgħu jsiru permezz ta' trasferiment bankarju:<br>Isem tal-Kont: Kunsill tal-ELT<br>IBAN: MT50VALL22013000000040024768061<br>Kodiċi Sort: VALLMTMT |

Barra minn hekk, il-ħin li jieħu s-servizz (dan hu l-ħin li jittieħed biex tiġi pproċessata applikazzjoni), il-kriterji tal-eliġibilità, u r-rekwiżiti tal-applikazzjoni li huma deskritti f'Sezzjoni 10 ta' dan id-dokument, għandhom japplikaw.

## 6. KIF TISTA' TIKKUNTATTJANA

Ladarba applikazzjoni jew talba għal informazzjoni tkun magħmula magħna, aħna se nkunu responsabbli biex nevalwawha, insegwuha, filwaqt li nżommuk infurmat biex niżguraw li inti tirċievi tweġiba definittiva.

L-assistenza tagħna tista' takkwistaha permezz tal-mezzi sussegwenti, fil-ħin speċifikat:

### A. L-uffiċċju/i tagħna:

- Malta

  Kunsill tal-ELT
  Bice Mizzi Vassallo Complex,
  Triq Alamein, Pembroke – Malta

### B. Ħinijiet tal-ftuħ

- Malta

  Fix-xitwa (1 ta' Ottubru sal-15 ta' Ġunju):
  09:00 – 15:00 (mit-Tnejn sal-Ġimgħa)
  Fis-sajf (16 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru):
  09:00 – 13:00 (mit-Tnejn sal-Ġimgħa)

### C. Bit-telefown

Malta fuq +356 2598 1240/1/2/3/4
Fix-Xitwa: 08:00 – 16:45hrs (mit-Tnejn sal-Ġimgħa)
Fis-Sajf: 08:00 – 14:00hrs (mit-Tnejn sal-Ġimgħa)
Skont il-ħinijiet li jidhru hawn fuq.

### D. Imejl

info.eltcouncil@gov.mt

### E. Minn fuq is-sit elettroniku tagħna:

https://eltcouncil.gov.mt/

F. **Mobile Apps: maltapps** (malta apps mhux applikabli – https://www.facebook.com/eltcouncilpage/

## 7. AĦNA QEGĦDIN GĦAD-DISPOŻIZZJONI TIEGĦEK

Aħna impenjati sabiex ngħinukom tiksbu l-informazzjoni u d-dokumenti neċessarji marbuta mas-servizz relatat.

Aħna niżguraw li inti:

- Tagħtina informazzjoni f'waqtha, sħiħa u eżatta. Meta nirċievu applikazzjoni mhux kompluta, aħna ninfurmawk dwar dak li jkun hemm bżonn aktar u ngħinuk biex iġġib id-dokumenti rekwiżiti, u biex timliehom b'mod korrett;
- Tieħu l-ħin tiegħek biex taqra l-applikazzjoni b'attenzjoni biex tkun tista' tgħinna nagħtu servizz f'waqtu;
- Tipprovdilna feedback biex inkomplu ntejbu s-servizz tagħna. Is-servizz tagħna huwa pprovdut minn tim dedikat u professjonali. Dan ma jfissirx li ma naċċettawx kummenti mingħandek sabiex inkunu nistgħu ntejbu s-servizz tagħna. Tista' tagħmel dan billi tuża l-mezzi kif indikati f'Sezzjoni 8 hawn taħt;
- Tikkomunika magħna b'mod ċar u konċiż bil-Malti jew bl-Ingliż;
- Tittratta lill-istaff tagħna bil-korteżija u r-rispett li jixraqlu, kif hu obbligat jittratta lilek.

Fuq is-sit elettroniku tagħna għandek issib kull applikazzjoni li teħtieġ flimkien ma' listi ta' dokumenti li għandek bżonn għal kull applikazzjoni.

## 8. FEEDBACK U LMENTI

Aħna impenjati li noffru Servizz ta' Eċċellenza u nirsistu li nġibu fis-seħħ titjib kontinwu fis-servizz tagħna lilek. Aħna niggarantixxu l-anonimità tiegħek u li l-feedback tiegħek jgħinna ntejbu s-servizzi tagħna.

Jekk taħseb li ħadna xi żball u/jew li l-istaff tagħna ma ġabx ruħu sew, jew li ma takx biżżejjed ħsieb u attenzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattjana.

Feedback u lmenti jistgħu jintbagħtu kif ġej:

Il-Kunsill tal-ELT

- Personalment: Kunsill ELT, Bice Mizzi Vassallo Complex, Triq Alamein, Pembroke – Malta
- Bit-telefown: +356 2598 1240/1/2/3/4
- Bil-posta: Kunsill ELT, Bice Mizzi Vassallo Complex, Triq Alamein, Pembroke – Malta
- Bl-imejl: info.eltcouncil@gov.mt
- Online: billi taċċessa l-paġna ta' kuntatt fuq is-sit web tal-Kunsill tal-ELT: https://eltcouncil.gov.mt/contact/
- L-app Rate the Public Service tista' titniżżel permezz tad-direttorju tal-maltapps jew ibbażata fuq il-web https://publicservice.gov.mt/mt/rtps/Pages/Home.aspx .

servizz.gov

- Online: billi taċċessa s-sit elettroniku ta' servizz.gov, u tikklikkja fuq 'Issottometti lment' hawn: https://servizz.gov.mt/en/pages/file-a-complaint/default.aspx
- Bit-telefown: 153

Meta tagħmel ilment:

- Ikkwota n-numru ta' referenza li tkun ingħatajt fir-rigward tat-tranżazzjoni li tkun qed tilmenta dwarha;
- Speċifika x'inhi l-problema/każ; u
- Ipprovdi informazzjoni addizzjonali li kapaċi tgħinna nsolvu l-ilment tiegħek.

Meta nindirizzaw l-ilmenti, aħna:

- Niggarantixxu l-kunfidenzjalità tiegħek;
- Nirreferu l-każ tiegħek lill-Customer Care Unit u nibagħtulek rikonoxximent tal-komunikazzjoni fi żmien jum tax-xogħol;

- Nipprovdulek numru ta' referenza partikolari sabiex tkun tista' tiċċekkja l-istatus tal-ilment tiegħek meta trid.

Bħala proċedura normali, kull rikonoxximent ta' komunikazzjoni jingħata lill-benefiċjarji fl-istess jum li tkun saret it-talba għal informazzjoni jew li tkun saret l-applikazzjoni għas-servizz.

- Inwettqu investigazzjoni fuq il-problema/każ u nikkonkluduha malajr kemm jista' jkun, imma sa mhux aktar minn
  - 5 ijiem tax-xogħol (f'każijiet fejn nistgħu nikkonkludu l-każ aħna) jew
  - 10 ijiem tax-xogħol (f'każijiet fejn irridu nakkwistaw feedback minn dipartimenti jew entitatjiet oħra) minn meta nkunu rċivejna l-ilment u l-informazzjoni rekwiżita kollha;
- Ninfurmawk bil-miktub dwar l-eżitu tal-investigazzjoni tagħna fuq l-ilment tiegħek sa mhux aktar minn jumejn tax-xogħol mill-konklużjoni tal-investigazzjoni.

Wara li nkunu għalaqna l-proċess tal-ilment tiegħek, aħna nimpenjaw ruħna biex nieħdu kwalunkwe azzjoni rimedjali fejn applikabbli, kif ukoll azzjoni korrettiva fejn neċessarju biex int ma terġax tesperjenza l-istess sitwazzjoni jew waħda simili.

DIRETTORAT DWAR KWALITÀ TAS-SERVIZZ FI ĦDAN IL-PEOPLE & STANDARDS DIVISION

F'ċirkostanzi fejn l-appoġġ mistenni ma jkunx ingħata mill-mezzi indikati hawn fuq, int tista' tibgħat rapport lid-Direttorat dwar Kwalità tas-Servizz fi ħdan il-People & Standards Division b'imejl fuq qualityofservice-opm@gov.mt.

## 9. IMPENN GĦAL TITJIB KONTINWU

Bl-għan ta' Servizz ta' Eċċellenza u titjib kontinwu f'moħħna, dan iċ-Charter ta' Servizz ta' Kwalità se jiġi rivedut skont il-ħtieġa, u talanqas darba kull 12-il xahar biex ngħarblu l-prestazzjoni tagħna f'termini tal-istandards imwaqqfa f'dan iċ-Charter, kif ukoll f'dak li jirrigwardja l-mod ta' kif nilħqu l-aspettattivi tiegħek.

Dan il-proċess ta' reviżjoni se jkun ibbażat fuq:

- Politika tal-Gvern
- Data miġbura tal-operat (eż. servizzi offruti, servizzi mogħtija, eċċ.)
- Benchmarking
- Feedback
- Ilmenti
- Stħarriġ
- Assessjar tal-Kwalità tas-Servizz
- Eżerċizzji ta' Mystery Shopping

L-istandards tas-servizz ta' kwalità relattivi għas-servizzi pprovduti se jkunu mmonitorjati u mkejla. Ir-riżultati tar-reviżjoni interna u l-proċessi ta' monitoraġġ se jintużaw bħala bażi biex inkomplu ntejbu s-servizz.

# APPENDIĊI 1

# 10. APPENDIĊI 1

Aħna se niżguraw li ż-żmien li jieħu s-servizz, sakemm ikun fil-kontroll tagħna, se jiġi rrispettat. Meta s-servizz mitlub ikun jiddependi minn dipartimenti jew entitatjiet oħra, aħna kommessi li nsegwuh aħna stess sabiex inti tirċievi r-risposta finali fil-ħin.

| Servizz | Eliġibbiltà | Dak li huwa rikjest għal fini ta' konformità | Għażla ta' Applikazzjonijiet | Żmien stipulat li fih irid jingħata s-Servizz |
|---|---|---|---|---|
| Ħruġ ta' Permess tat-Tagħlim tal-Lingwa Ingliża (ELT) | Kwalifiki skont il-linji gwida: http://bit.ly/49og1r7 | Kopja skennjata tal-Formola ta' Applikazzjoni skont il-ħolqa https://eltcouncil.gov.mt/wp-content/uploads/2023/07/New-ELT-Permit-Application-Form-23.pdf;<br>Kopji skennjati tal-kwalifiki;<br>Dikjarazzjoni MQRIC (applikabbli għall-kwalifiki internazzjonali biss);<br>Kopja skennjata ta' ċertifikat tal-kondotta tal-pulizija Malti jew barrani (mhux eqdem minn xahar);<br>Ħlas ta' €15.00. | Bl-email lil: info.eltcouncil@gov.mt<br>Fl-Uffiċċji tal-Kunsill tal-ELT | Konferma tal-irċevuta tal-applikazzjoni: Ġurnata tax-xogħol 1<br>Vetting u ħruġ tal-Permess ELT bin-numru tal-permess: 3 ġranet tax-xogħol<br>Ħruġ taċ-ċertifikat uffiċjali tal-Permess ELT: 26 ġurnata tax-xogħol |
| Ħruġ ta' Tiġdid tal-Permess ELT | Individwi li diġà huma fil-pussess ta' Permess ELT.<br>Rekwiżiti skont il-linji gwida:<br>http://bit.ly/49og1r7 | Kopja skennjata tal-Formola ta' Applikazzjoni skont il-ħolqa https://eltcouncil.gov.mt/wp-content/uploads/2023/07/Renewal-of-ELT-Permit-Application-Form-23.pdf;<br>Kopji skennjati taċ-ċertifikati CPD;<br>Ħlas ta' €20.00. | Bl-email lil: info.eltcouncil@gov.mt<br>Fl-Uffiċċji tal-Kunsill ELT | Konferma tal-irċevuta tal-applikazzjoni: Ġurnata tax-xogħol 1<br>Vetting u ħruġ tat-Tiġdid tal-Permess ELT: 3 ġranet tax-xogħol<br>Ħruġ taċ-ċertifikat uffiċjali ta' Tiġdid tal-Permess ELT: 26 ġurnata tax-xogħol |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Ħruġ ta' Liċenzja Ġdida tal-Iskejjel / Annessa ta' Skola tal-ELT | Rekwiżiti skont il-linji gwida:<br><br>https://bit.ly/2UKwIsM (Liċenzja tal-Iskejjel tal-ELT) u https://eltcouncil.gov.mt/annexes/ (Liċenzja tal-Annessa) | Formola tal-applikazzjoni skont il-ħoloq<br><br>Skola Ġdida: https://eltcouncil.gov.mt/wp-content/uploads/2019/08/Application-Form-for-an-ELT-School-Licence.pdf<br><br>Anness ta' skola tal-ELT:<br><br>https://eltcouncil.gov.mt/wp-content/uploads/2023/07/Template-New-Annexe-Form-23.pdf<br><br>Kopja skennjata tad-Dokumenti ta' Appoġġ;<br><br>Ħlasijiet:<br><br>Jekk għall-Applikazzjoni għal Liċenzja tal-Iskola: Skont il-kategorija magħżula skont il-formola ta' applikazzjoni<br><br>Jekk għall-Applikazzjoni tal-Liċenzja tal-Annessa: €100.00 | Bl-email lil: info.eltcouncil@gov.mt<br><br>Fl-Uffiċċji tal-Kunsill tal-ELT | Konferma tal-irċevuta tal-applikazzjoni: Ġurnata tax-xogħol 1<br><br>Vetting tal-applikazzjoni u kummenti lill-applikant: 3 ġranet tax-xogħol<br><br>Deċiżjoni tal-Kunsill tal-ELT (Approvazzjoni/Rifjut): fi żmien 24 ġurnata tax-xogħol.<br><br>Fil-ġurnata tad-deċiżjoni:<br>Fil-każ ta' skejjel ġodda, il-Kunsill tal-ELT jibgħat il-Formola ta' Reġistrazzjoni tal-Iskola tal-ELT lill-applikant. Tinħareġ fattura fi żmien ġurnata tax-xogħol waħda minn meta tiġi riċevuta formola tar-reġistrazzjoni mimlija kif dovut;<br>Fil-każ ta' Annessi ta' skola tal-ELT, il-Kunsill tal-ELT joħroġ fattura lill-applikant fl-istess jum<br>Ħruġ ta' ċertifikat tal-Liċenzja tal-Iskola / Annessa ta' skola tal-ELT: ġurnata tax-xogħol 1 minn meta jiġi riċevut il-ħlas |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Approvazzjoni ta' Sessjonijiet ta' CPD | Individwi li għandhom approvazzjoni ta' Għalliem .<br><br>Rekwiżiti skont il-linji gwida tal-Politika tas-CPD:<br><br>https://bit.ly/2x9hoNj | Formola tal-applikazzjoni (https://bit.ly/2x9hoNj) | Bl-email lil:<br><br>info.eltcouncil@gov.mt<br><br>Fl-Uffiċċji tal-Kunsill tal-ELT | Konferma tal-irċevuta tal-applikazzjoni: Ġurnata tax-xogħol 1<br><br>Vetting ta' applikazzjoni u notifika lill-applikant li l-applikazzjoni ġiet assenjata lil assessur estern: fi żmien 3 ġranet tax-xogħol<br><br>• Deċiżjoni (Approvazzjoni/Rifjut) lill-applikant: fi żmien 5 ġranet tax-xogħol |
| Approvazzjoni ta' Għalliema jew Ħarrieġa u Għalliema jew Ħarrieġa li Ngħataw it-TEFL | Kwalifiki għal Għalliema skont il-linji gwida:<br><br>https://bit.ly/2X8V2X0<br><br>Kwalifiki għal Għalliema jew Ħarrieġa li Ngħataw it-TEFL skont il-linji gwida:<br><br>https://bit.ly/2XkfqEN | Kopja skennjata tal-formola ta' applikazzjoni;<br><br>Għalliem :<br>https://eltcouncil.gov.mt/wp-content/uploads/2019/08/Application-for-Teacher-Trainer.pdf<br><br>Jew<br><br>Għalliem b'Ċertifikat tat-TEFL:<br><br>https://eltcouncil.gov.mt/wp-content/uploads/2019/08/Application-for-TEFL-Cert.-Teacher-Trainer.pdf<br><br>Kopji skennjati tad-dokumenti meħtieġa u ta appoġġ. | Bl-email lil:<br>info.eltcouncil@gov.mt<br><br>Fl-Uffiċċji tal-Kunsill tal-ELT | Konferma tal-irċevuta tal-applikazzjoni: Ġurnata tax-xogħol 1<br><br>• Vetting tal-applikazzjoni u deċiżjoni: fi żmien 3 ġranet tax-xogħol |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Approvazzjoni u akkreditazzjoni tal-Kors għall-Għoti tat-TEFL | Rekwiżiti skont il-linji gwida:<br><br>https://eltcouncil.gov.mt/policies/ (irreferi għall-Politika dwar l-Għoti tat-TEFL) | Kopja skennjata tal-formola ta' applikazzjoni skont il-ħolqa https://eltcouncil.gov.mt/wp-content/uploads/2022/04/Application-form-for-TEFL-Award-Course-Accreditation.pdf:<br><br>Dokumenti meħtieġa u ta' appoġġ;<br><br>• Ħlas €95.00. | Bl-email lil:<br>info.eltcouncil@gov.mt | FAŻI TAL-APPLIKAZZJONI:<br><br>Konferma tal-irċevuta tal-applikazzjoni: Ġurnata tax-xogħol 1<br><br>Approvazzjoni/Rifjut tal-applikazzjoni: fi żmien 3 ġranet tax-xogħol<br><br>Nota: fil-każ ta' applikant għall-ewwel darba, l-akkreditazzjoni tal-Għoti taċ-Ċertifikat TEFL tinħareġ ukoll fi żmien 3 ġranet tax-xogħol.<br><br>Nomina ta' assessur: fi żmien 4 ġranet tax-xogħol<br><br>WARA VALUTAZZJONI TAL-KORS GĦALL-GĦOTI TA' ĊERTIFIKAT TEFL:<br><br>Ir-rapport jintbagħat lill-applikant: fi żmien 15-il ġurnata tax-xogħol mid-data tal-valutazzjoni.<br><br>• Iffirmar taċ-ċertifikati ta' attendenza mill-Kunsill tal-ELT: fi żmien ġurnata tax-xogħol 1 minn meta jiġu riċevuti ċ-ċertifikati mingħand l-applikant. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Applikazzjonijiet SEPTT | Individwi li jinsabu fil-pussess ta' ċertifikat ta' Għoti tat-TEFL jew kwalifiki rilevanti oħrajn (mhux obbligatorji).<br><br>Is-sessjonijiet SEPTT li jmiss huma elenkati fuq il-formola ta' applikazzjoni SEPTT u fuq is-sit web tal-Kunsill tal-ELT: https://eltcouncil.gov.mt/septt-sessions/ | Kopja skennjata tal-Formola ta' Applikazzjoni skont il-ħolqa https://eltcouncil.gov.mt/wp-content/uploads/2024/01/SEPTT-Application-for-2024.pdf;<br><br>Ħlas ta' €45.00. | Bl-email lil: info.eltcouncil@gov.mt<br><br>Fl-Uffiċċji tal-Kunsill tal-ELT | Konferma tal-irċevuta tal-applikazzjoni u notifika lill-applikant dwar l-iskeda ta' żmien u l-linji gwida: fi żmien ġurnata tax-xogħol 1 mill-iskadenza tal-applikazzjoni.<br><br>L-applikanti jirċievu l-iskeda ta' żmien u l-linji gwida: 7 ġranet tax-xogħol qabel id-data tal-eżami.<br><br>Ħruġ tar-riżultati: Fi żmien 5 ġranet tax-xogħol mid-data tal-eżami<br><br>Ħruġ taċ-ċertifikati SEPTT: 2 ġranet tax-xogħol wara l-ħruġ tar-riżultati |
| Ħruġ tar-Riżultati tal-Eżami TELT lill-istudenti. | Individwi li jagħmlu l-Eżami TELT. | Mhux applikabbli<br><br>NOTA: l-amministrazzjoni tas-sessjonijiet tal-eżami TELT hija r-responsabbiltà tad-Dipartiment tal-Eżamijiet fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni | Mhux applikabbli | Ħruġ tar-riżultati u notifika lill-applikanti rigward l-iskadenza għar-Reviżjoni tal-Karta: 17-il ġurnata tax-xogħol wara d-data tal-eżami<br><br>Ħruġ tar-riżultati lill-kandidati tar-Reviżjoni tal-Karta: 2 ġranet tax-xogħol wara li jkunu ġew irċevuti r-riżultati mill-eżaminaturi<br><br>• Ħruġ taċ-ċertifikati: 10 ġranet tax-xogħol mill-ħruġ tar-riżultati |